**20 ta' Mejju, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alfred Salomone, O.B.E., ne. et.

*versus*

Avukat Dr. Frank Vassallo et ne.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Debitu Mobiljari — Mara — Obligazzjoni "di fare o di non fare".**

*Meta persuna tobliga ruħha li tagħmel jew ma tagħmelx ("di fare o di non fare") xi ħaġa, dan id-debitu huwa ritenut mid-dottrina bħala debitu mobiljari; għaliex, jekk id-debitur jonqos li jademp'xxi l-obligazzjoni tiegħu, dak in-nuqqas jirriżolvi ruħu f'danni u nteressi, li jikkonsistu f'somma ta' flus li h'ja l-valutazzjoni tan-nuqqas; u per konsegwenza dik l-istess estimazzjoni pekunjarja ta' danni u nteressi h'ja riduzzjoni tan-nuqqas fi flus, li hija ħaġa mobili.*

*Dawn id-debiti mobili, ankorkè kontratti mill-wieħed jew l-oħra mill-persuni marbutin bi żwieġ qabel l-istess unjoni, huma piż tal-komunjoni; l-għaliex iż-żewġ miżżewġin, jew m'n minnhom, ikunu jinstabu debituri meta junixxu ruħhom bi żwieġ.*

*Fil-każ preżenti l-konvenuta kienet obligat ruħha mal-Gvern Ċivil' li tieħu kors ta' "Teacher" fil-"Mater Admirabilis Training College", u li fit-terminazzjoni tal-istess kors tagħti s-servizzi tagħha bħala "teacher" għal sentejn, u illi, jekk hija tonqos minn dik l-obligazzjoni, ikollha tħallas l'Il-Gvern is-somma li dan jiddetermina, u li tkun intefqet fl-edukazzjoni u "training" tal-konvenuta; din bdiet il-kors, imma ma komplietux, abbandunatu, iżżewġet, u emigrat; il-Gvern fittex għar-rifużjoni lilha u lill-żewġha; u l-Qorti qatgħet illi r-raġel k'en responsabbli għas-somma reklamata mill-Gvern.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenuta, allura xebba, bi skrittura tas-7 ta' Ottubru 1954 (dok. A), obligat

ruħha illi tieħu "Teachers Training Course" fil-"Mater Admirabilis College", u li fit-terminazzjoni tal-istess tagħti s-servizzi tagħha bħala "teacher" għal sentejn; u peress illi l-istess konvenuta obligat ruħha tirrifondi s-somma ta' £100, jew kwalunkwe somma oħra illi l-Gvern Ċivili seta' jiddetermina, u li tkun intefqet fl-edukazzjoni u t-"training" tagħha fl-imsemmi Kulleġġ; u peress illi l-imsemmija Philomena Dingli abbandunat l-istess kors, iżżewġet malkonvenut Dingli, u emigrat, u għalhekk hemm lok għarrifużjoni tal-ammont li ntefaq għall-edukazzjoni tagħha u għat-"training" imsemmi; u peress illi, għalkemm il-Gvern Ċivili nefaq aktar minn £100 għall-edukazzjoni u "training" tal-konvenuta, però hija ġiet mitluba tirrifondi s-somma ta' £60 biss; talbu li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jirrifondu s-somma ta' £60 lill-atturi fil-kwalità tagħhom premessa, a saldu ta' dak li ntefaq għall-edukazzjoni u "training" tal-konvenuta fil-"Mater Admirabilis Training College", peress illi din abbandunat il-kors fuq imsemmi, u naqset mill-obligu tagħha li sservi bħala "teacher" fl-iskejjel tal-Gvern. Salva kwalunkwe azzjoni oħra għad-danni. Bl-ispejjeż, u bl-interessi legali, inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju tal-24 ta' Marzu 1958 u tal-10 ta' April 1958, u tar-rikors tal-10 ta' April 1958, u tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' April 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mid-dokument "A" (fol. 5 tal-proċess) jirriżulta li Philomena Dingli neè Bartolo, fis-7 ta' Ottubru 1954, meta kienet għadha xebba, obligat ruħha illi tieħu kors ta' studji u "training" ("Teachers Training Course") fil-Mater Admirabilis College a spejjeż tal-Gvern Ċivili, b'dan illi, malli tispiċċa l-kors, kellha tgħallem fl-iskejjel governattivi għal sentejn. Fil-fatt hija bdiet il-kors f'Ottubru 1954, u f'Lulju 1955 l-istess konvenuta abbandunat il-kors u żżewġet malkonvenut l-ieħor John Dingli. Din l-obligazzjoni tal-konvenuta kienet suġġetta, fil-każ ta' ksur, għall-ħlas ta' £100 jew somma oħra li l-Gvern seta' jirreklama minn għandha bħala li tkun ġiet minfuqa għall-edukazzjoni u "training" tagħha fl-istess Kulleġġ fuq imsemmi;

Illi mill-provi jirriżulta wkoll li Philomena Bartolo, miżżewġa l-lum ma' John Dingli, naqset milli tkompli l-kors li ntrapprendiet, u li l-Gvern Ċivili l-lum qiegħed — għalkemm nefaq aktar minn £100 — jirreklama minn għandha £60 skond it-termini tal-obligazzjoni minnha assunta;

Illi kwindi l-konvenuta hija ndubbjament personalment tenuta għas-somma mitluba u pruvata, li ġiet minfuqa għall-istudji u "training" tagħha, in forza tal-obligazzjoni msemmija fuq;

Ikkunsidrat;

Illi dwar ir-responsabbiltà tal-istess John Dingli, bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, għas-somma reklamata, jingħad li d-debitu tal-konvenuta l-oħra huwa debitu mobiljari, l-għaliex il-ħaġa dovuta hija mobiljari, bħal ma huma, 'ad exemplum", debitu ta' somma ta' flus, ta' kwantità ta' nbit, ta' żiemel, ta' sodda, etċ., li huma kollha ħwejjeġ mobiljari. Issa, meta persuna tobliga ruħha li tagħmel jew ma tagħmelx ("di fare o non fare") xi ħaġa, dan id-debitu huwa wkoll ritenut mid-dottrina bħala mobiljari; għaliex, jekk id-debitur jonqos li jadempixxi l-obligazzjoni tiegħu, 'dak in-nuqqas jirriżolvi ruħu f'danni u nteressi, li jikkonsistu f'somma ta' flus li hija l-valutazzjoni tan-nuqqas; u per konsegwenza dik l-istess estimazzjoni pekunjarja ta' danni u nteressi hija riduzzjoni tan-nuqqas fi flus, li hija ħaġa mobili. Dawn id-debiti mobili, ankorkè kontratti mill-wieħed jew l-oħra marbuta bi żwieġ qabel l-istess unjoni, huma piż tal-komunjoni; l-għaliex iż-żewġ miżżewġin, jew min minnhom, ikunu jinstabu debituri meta junixxu ruħhom fi żwieġ (ara Pothier, Trattato della Comunione, paragrafi 233-236);

Illi kwindi, in vista ta' dan li ntqal, il-konvenut John Dingli, fil-kwalità li taħtha huwa ċitat, huwa responsabbli wkoll għas-somma msemmija u reklamata;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi kontra żżewġ konvenuti fis-sens premess; bl-ispejjeż.